MALTA

**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tal-21 April, 2016.

Talba Numru: 879/2015AM3

Numru fuq il-Lista: 18

**Ray Darmanin (ID 635660M) u Glenn Darmanin (ID 222692M)**
**14, Maple Leaf,**
**Triq il-Grecja**
**Naxxar**

**Vs**

**Sindku u Segretarju Ezekuttiv Kunsill Lokali Lija,**
**27, Triq Robert Mifsud Bonnici,**
**Lija**

**It-Tribunal,**

Ra l-eccezzjoni imressqa mill-Kunsill konvenut li permezz taghha eccepixxa n-nuqqas ta' kompetenza *rationae materiae* ta' dan it-Tribunal stante li skont l-Artikolu 1.2(b) tar-

Raba' Skeda tal-Kap 387 tal-Ligijiet ta' Malta, din it-talba kellha ssir permezz t'Arbitragg skont kif jirrikjedi l-imsemmi att u li ghaldaqstant dan it-Tribunal ghandu jastjeni milli jiehu aktar konjizzjoni ta' dan il-kaz.

Ra t-talba tal-atturi li permezz taghha qed jitolbu ammont ghal hsara li soffrew fil-vettura VW Golf bin-numru ta' registrazzjoni GBN-909 gewwa Triq Pantar, Hal Lija liema hsara l-atturi jikkontendi li grat meta dahal f'hofra fl-istess triq bil-konsegwenza li infaqa t-tyre tar-rota ta' quddiem tax-xellug.

Ra n-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet.

Ikkonsidra,

Illi t-talba tar-rikorrenti hija dwar danni li sofra fil-vettura tieghu meta waqt li kien qed isuqha dahal f'hofra li skont hu ma setghax jevita u b'rizultat ta' dan il-vettura tieghu soffriet xi hsarat.

Illi l-konvenut qed jibbaza l-eccezzjoni tieghu fuq l-Artikolu 1.2(b) tar-Raba' Skeda tal-Kap 387 li jitkellem dwar tilwimiet dwar it-traffiku ta' vetturi bil-mutur u paragrafu 1.2(b) jitkellem dwar hsara involontarja fil-proprjeta` li tinvolvi l-vetturi.

Illi meta l-incident ikun sehh minhabba xi haga li ma jkollhiex x'taqsam mas-sewqan bhal per ezempju meta jaqa` xi hajt fuq vettura pparkjata, f'dan il-kaz dan it-Tribunal ghandu gurisdizzjoni u dan anke kif gie deciz minn diversi sentenzi tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fosthom fil-kawza **Joseph Ciscaldi noe vs Nicholas Camilleri (Qorti tal-Appell (sede inferjuri per RCP) deciza 19 t' April, 2012** fejn qalet hekk:

"Illi din l-Qorti thoss li l-kliem tal-Ligi huwa car fis-sens li fejn hemm hsara fuq proprjeta` li tikkonsisti f'vettura u liema hsara qed jigi allegat li giet ikkawzata involontarjament mela allura tali mertu huwa suggett ghall-arbitragg mandatarju skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 1.2(b) tat-Taqsima 'A' tar-Raba' Skeda tal-Kap 387 u dan stante li tali disposizzjonijiet mhux limitati biss ghall-hsara ikkawzaa fil-vetturi kawza ta' kollizjoni bejn tnejn jew aktar li huwa kopert bl-Artikolu 1.2.(a) tat-Taqsima 'A' tar-

Raba’ Skeda tal-Kap 387 izda wkoll ghal-hsara fil-proprjeta` li tikkonsisti f’vettura mbasta kkawzata b’mod involontarju u dan kif indikat proprju fl-Artikolu 1.2.(b) tat-Taqsima ‘A’ tar-Raba’ Skeda tal-Kap 387.”

It-Tribunal jaghmel ukoll referenza ghal gurisprudenza dwar din l-eccezzjoni moghtija minn dan it-Tribunal diversament presedut fil-kawza fl-ismijiet **Atlas Insurance PCC Limited et vs Roberto Borg et tal-15 ta’ Lulju, 2013** . F’din is-sentenza gie stabilit li jekk il-hsara hija kawzata meta l-vettura tkun qed tigi misjuqa dan it-Tribunal ma ghandux gurisdizzjoni.

F’dan il-kaz ghandna r-rikorrenti li kien qed isuq bil-vettura tieghu u dahal f’hofra fi triq; li allegatament hija responsabilita` tal-Kunsill intimat u b’rizultat ta’ dan sofra hsara fil-vettura tieghu.

Ghaldaqstant it-Tribunal qed jaqta` u jiddeciedi billi jilqa` l-eccezzjoni tal-Kunsill konvenut u jiddikjara li ma ghandux gurisdizzjoni biex jisma’ dan il-kaz. Spejjez a karigu tal-attur.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**